**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 26 ta' Marzu, 2002**

**Numru 4**

**Avviz. numru 1378/01JR**

**Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha Denise Caruana**

**vs**

**Antoine Seychell**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avvizipprezentat mill-attrici fil-5 ta' Novembru, 2001 fejn intalab il-hlas ta' mija u sebghin lira Maltija u sitta u tletin centezmu (Lm170.36), rapprezentanti mija u sebgha u hamsin lira Maltija u sitta u tletin centezmu (Lm157.36) spejjez ta' riparazzjoni fuq il-vettura JAZ-062, tlett liri (Lm3.00) ghall-road accident report, ghaxar liri (Lm10.00) ghas-survey report wara l-**

**incident stradali tat-2 ta' April, 2000 f'Misrah is-Summit, Birzebbuga, bejn il-vettura GAD-941 misjuqa mill-konvenut u l-vettura JAZ-062 misjuqa minn Denise Caruana;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-26 ta' Ottubru, 2000, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni, kif ukoll l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra s-socjeta` assikurattrici, u bl-imghax.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta pero` deher fis-seduta tad-29 ta' Novembru, 2001, u ddikjara li qed jikkontesta t-talba.**

**Semgha x-xhieda ta' Mark Axiaq ghas-socjeta` attrici. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Illi din il-kawza tirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fit-2 ta' April, 2000, ghall-habta tas-1p.m., f'Misrah is-Summit, Birzebbuga, bejn il-vettura Fiat Punto numru ta' registrazzjoni JAZ-062 misjuqa mill-assikurata tas-socjeta` attrici, u l-vettura Ford Escort numru ta' registrazzjoni GAD-941 misjuqa mill-konvenut.**

2. Jirrizulta li l-assikurata tas-socjeta` attrici kienet ser tipparkja meta gie l-konvenut u baqa' diehel fiha. Hekk fir-"road accident report" il-konvenut ta din il-versjoni dwar il-kollizzjoni:

> "I was going to drive off from my parking bay and as I was driving off I dashed in the oncoming vehicle."

3. Fl-istess rapport jinghad hekk:

> "Car number GAD-941 had developed a mechanical fault in the braking system and thus the collision occurred."

Dan ma gie b'ebda mod kontradett. Il-konvenut ma gab ebda provi biex jirribatti din il-versjoni.

Ghalhekk jirrizulta li l-incident in kwistjoni gara unikament tort tal-konvenut.

4. Id-danni li garrbet il-vettura ta' l-assikurata jirrizultaw mill-ircevuti esebiti Dok.MA8 sa MA10, b'kollox fl-ammont ta' mija u sebghin lira Maltija u sitta u tletin centezmu (Lm170.36), in kwantu ghall-mija u sebgha u hamsin lira Maltija u sitta u tletin centezmu (Lm157.36) spejjez

**ta' riparazzjoni fuq il-vettura JAZ-062, tlett liri (Lm3.00) ghall-road accident report, ghaxar liri (Lm10.00) ghas-survey report.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, peress illi ghall-incident in kwistjoni kien jahti unikament il-konvenut, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u sebghin lira Maltija u sitta u tletin centezmu (Lm170.36), bl-imghax legali mis-26 ta' Ottubru, 2000.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-26 ta' Ottubru, 2000, kif ukoll l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra s-socjeta` assikuratrici, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**Gudikatur**